## QORTI CIVILI
## Sezzjoni tal-Famija

**ONOR. MHALLEF**
**JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Seduta ta' Nhar il-Hamis 15 ta' Dicembru 2016**

**Kawza Numru: 1**
**Rikors Numru: 252/2016/1/JPG**

**Fl-Atti tal-Mandat ta' Qbid Nru. 252/16**

**Simon Galea (K.I.113371M)**

**Vs**

**Samah Mansour (K.I. 148406L)**

**Il-Qorti :**

Rat ir-Rikors ta' Samah Mansour, datat fl-14 ta' Novembru 2016, vide fol 1, li jaqra hekk:

1. *Illi bil-mandat ta' qbid 252/16 fl-ismijiet premessi gew maqbudin tlett vetturi ossia vettura tal-marka BMW bin-numru ta' registrazzjoni BCD-056 appartenenti lir-rikorrenti; vettura tal-marka Renault bin-numru ta' registrazzjoni IBB-762 appartenti lill-Vince Auto Dealer u dan kif jidher mill-hawn anness dokument markat Dok. A; u vettura ohra tal-marka Ford bin-numru ta' registrazzjoni ACF-584 appartenenti lil Maria Valentina Abad u dan skont id-dokument hawn anness markat bhala Dok. B;*

2. *Illi d-debitu mertu tal-mandat surreferit qieghed jigi saldat permezz ta' pagamenti li qieghdin isiru kull hmistax-il jum mir-rikorrenti;*

3. *Illi fi kwalunkwe kaz ir-rimanenti bilanc huwa kopert mill-vettura tal-marka BMW appartenenti lir-rikorrenti;*

4. *Illi l-vetturi ohrajn ma jappartjenux lir-rikorrenti u ghalhekk ghandhom jigu rilaxxati u ma jibqghux milquta mill-mandat ta' qbid surreferit.*

*Ghalqastant, fl-isfond tas-suespost, ir-rikorrenti umilment titlob lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha tordna r-rilaxx tal-vetturi msemmija, liema vetturi jappartjenu lill-terzi persuni, ossia l-vettura tal-marka Renault bin-numru ta' registrazzjoni IBB-762 appartenti lill-Vince Auto Dealer u l-vettura ohra tal-marka Ford bin-numru ta' registrazzjoni ACF-584 appartenenti lil Maria Valentina Abad u dan taht dawk il-kundizzjonijiet u provvedimenti li din l-Onorabbli Qorti jidhrilha xierqa u opportuni.*

Rat ir-risposta ta' Simon Galea ghar-rikors ta' Samah Mansour datat 14 ta' Novembru 2016, vide fol 5 et seq;

1. *Illi preliminarjament ukoll, l-avukat sottoskritt gie notifikat biss bir-rikors odjern nhar l-Erbgha, 16 ta' Novembru 2016 b'sebat (7) ijiem ghar-risposta.*

2. *Illi preliminarjament ukoll, l-avukat sottoskritt gie notifikat biss bir-rikors tal-14 ta' Novembru 2016 u d-digriet ta' appuntament ta' din l-Onorabbli Qorti wkoll datat 14 ta' Novembru 2016. L-esponenti ma giex notifikat bid-dokumenti allegatament annessi mar-rikors (imsejhin Dok A u Dok B) li allegatament juru li l-vetturi IBB-762 u ACF-584 jappartjenu lill-Vince Auto Dealer u Maria Valentina Abad rispettivament;*

3. *Illi f'kaz li dawn id-dokumenti juru li l-vetturi IBB-762 u ACF-584 jappartjenu lil terzi, ir-rikorrenti Samah Mansour ma setghetx titlob ir-rilaxx taghhom kif appena qed taghmel permezz tar-rikors odejrn;*

4. *Illi anke jekk ghas-sahha tal-argument ir-rikorrenti hija korretta meta qed itenn li hija kellha dritt tattakka l-imsemmija mandate permezz ta' rikors fl-atti minflok permezz ta' rikors guramentata, hija zbaljata fil-hsieb taghha li l-procedura kontemplata fl-artikolu 281 tal-Kap. 12 tista' tintuza' biex sempliciment tattakka l-ezekuzzjoni tal-mandat;*

5. *Jidher li hemm zewgt skejjel ta' hsieb fl-applikabilita ta' dan l-artikolu.*

***<u>L-artikolu 281 huwa intiz sabiex jigi attakkat is-siwi tal-mandat</u>***

6. *Illi fil-proceduri fl-ismijiet* ***Fl-atti tar-Rikors ta' Rose Marie Holland wara l-mandat ta' Qbid (ezekuttivi) numru 1817/11MB u 1818/11MB fl-ismijiet Victor Fenech et vs Anthony Fountain et) il-Qorti kienet qalet:***

> *"huwa accettat li l-fatt li l-hwejjeg maqbuda fl-ezekuzzjoni ta' Mandat ma jaghmlux mill-gid tad-debitur ezekutat ma ghandu jkollu l-ebda effett fuq is-siwi tal-Mandat innifsu, izda jekk stess ihalli effett fuq l-ezekuzzjoni. Min ghandu d-dritt u l-interess li jattakka dik l-ezekuzzjoni, m'ghandux il-jedd li jattakka s-siwi tal-Mandat li bis-sahha tieghu saret tali ezekuzzjoni, sakemm ma tohrogx xi wahda mir-ragunijiet li trid il-ligi. Min-naha l-ohra, t-talba ghas-sospensjoni tal-ezekuzzjoni ta' Mandat ma ssirx taht l-artikolu 281".*

7. *Illi wkoll l-ewwel Qorti kompliet tghid hekk:*

> *"Ir-rimedju moghti bl-imsemmi artikolu 281 huwa wiehed specjali (kemm fir-rigward tal-procedura mfassla u kif ukoll ghas-sura ta' rimedju moghti) (...omissis) l-ghan li ghaliha ddahhlet din id-dispozizzjoni fil-Kodici tal-Procedura huwa marbut ma' xi ghelt jew nuqqas fl-att ezekuttiv innifsu, li, bis-sahha tieghu, l-parti interessata tista' ggarrab pregudizzju, u dan billi jsir ezami*

*formali tal-att li tieghu qieghed jintalab it-thassir. Il-Qorti tistharreg li r-rekwiziti mitluba mil-ligi ghall-hrug tal-Mandat ikunu tharsu u jkunu jidhru mill-att ezekuttiv innifsu, u li dak il-Mandat ma jkunx inhareg b'mod abbuziv".*

8. *Dan gie ukoll ikkonfermat fil-kawza fl-ismijiet* **Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud vs Mark Grima** *et deciza fid-19 ta' Novembru 2008 kif ukoll fis-sentenza tal-Prim'Awla datata 7 ta' April 2009 fl-ismijiet* **Jimcam Enterprises Ltd vs Charles Zammit** *et. F'din tal-ahhar il-Qorti tenniet li "in generali, jista' jinghad li mandate jista' biss jigi attakkat kemm-il darba jkun inhareg minn Qorti zbaljata jew jekk ikun hemm difett fil-forma.*

9. *Illi fil-kawza* **fl-ismijiet Jimcam Enterprises Ltd vs Charles Zammit et** *l-Qorti kompliet, "din il-Qorti diga' writ f'decizjonijiet ohrajn li hija tat qabel din li hija tal-fehma li l-ghan li ghaliha ddahlet il-procedura taht l-artikolu 281 fil-Kodici tal-Procedura huwa marbut ma' xi ghelt jew nuqqas fl-att ezekuttiv innifsu, li, bis-sahha tieghu, l-parti ezekutata tbati pregudizzju. Ghalhekk ma kinitx il-fehma tal-legislatur li din il-procedura tintuza' biex il-mandat jew att ezekuttiv iehor jigi attakkat jew imhassar ghal ragunijiet ta' kontestazzjoni li huma marbuta mal-mertu nnifsu li, bis-sahha tieghu, l-istess att ezekuttiv ikun hareg. Kemm hu hekk, l-ewwel kliem tas-subartikolu (1) tal-artikolu 281 jaghmluha cara li r-rimedju moghti lir-rikorrenti jinghata bhal hsara ghal kull jedd iehor taht l-istess Kodici jew xi ligi ohra";*

10. *L-Ewwel Qorti f'dik il-kawza imbaghad kompliet tghid hekk:*

    *"L-prattika stabilita', mbaghad, hi li min irid jattakka l-ezekuzzjoni ta' Mandat, irid jaghmel dan billi jmexxi bil-procedura normali mahsuba fil-ligi. Illum il-gurnata, din il-procedura hija azzjoni li tinbeda bir-Rikors Mahluf", Fil-kaz in desamina ma jidhirx li dan ir-rikors kien mahluf u ghalhekk ghandu jigi kunsiderat bhala null minhabba tali nuqqas gravi u li ma jistax jigi konsiderat bhala insinifikanti u minnu";*

11. ***<u>Illi huwa pacifiku li l-Artikolu 281 jista' jintuza halli jigi impunjat att li jkun formalment mankati u jekk terz li l-mandat gie ezegwit fuq oggetti tieghu irid jattakka</u>***

***l-mandat, dan ghandu juza' l-procedura ordinarja tar-rikors guramentat, ghalhekk, il-persuni li semmiet ir-rikorrenti fir-rikors taghha ghandhom jipprocedu b'kawza ad hoc.***

12. *Illi semmai kien jinkombi fuq dawn l-allegati terzi u cioe Vince Auto Dealer u Maria Valentina Abad li jaghmlu r-rikors ghar-rilaxx ghall-vetturi rispettivi taghhom u mhux ir-rikorrenti Samah Mansour.*

***It-tieni hsieb huwa li dan r-rikors jista' jigi applikat izda fejn tintalab ir-revoka jew thassir tal-mandat kollu.***

13. *Kif gie sostnut f'diversi, fosthom* **Frigo Trans Two Limited vs Charles Dimech** *deciza mill-Qorti tal-Magistrati nhar is-6 ta' Lulju 2009:*

> *"l-artikolu 281, kif emendat w aplikabbli ghal dan il-kaz, azzjoni ghat-thassir ta' mandat ezekuttiv inghatat lil kull minn kontra tieghu nhareg mandat ezekuttiv kif ukoll lil "xi persuna ohra interessata".*

14. *Mandanakollu, f'din l-istanza ir-rikorrenti ma talbietx "it-thassir tal-mandat "per se" izda, tablet li din l-Onorabbli qorti tornda r-rilaxx tal-vetturi…' Illi bid-dovut rispett, it-talba in esami ma tistax tigi akkolta fuq bazi ta' ligi ta' procedurali. Ghalhekk l-esponenti jikkontendi li anke jekk ghal grazzja tal-argument, l-esponenti seghet titlob ir-revoka tal-mandat a bazi ta' dan l-artikolu, hija kellha titlob ir-revoka tal-mandat kollu u mhux ir-rilaxx ta' zewg vetturi.*

15. *Illi ghalkemm ir-rikorrenti sostniet li qed tissalda da nil-mandat permezz ta' pagamenti mensili, minn meta gie intavolat il-mandat de quo, ir-rikorrenti ghamel zewg (2) pagamenti u ghal kull buon fini jigi rilevat li sa issa r-rikorrenti hallset is-somma totali ta' elfejn Ewro (€2,000), liema somma ma tkoprix l-ammont globali.*

16. *Illi l-allegazzjoni li l-vettura tal-ghamla BMW tkopri l-bilanc hi kontestata stante li sa fejn jaf l-esponenti, l-istess vettura ghandha diversi difetti serji.*

*Ghaldaqstant u in vista tas-suespost, l-esponenti umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex tichad t-talbiet rikorrenti u dan salv kull provvediment iehor li din l-Onorabbli Qorti toghgobha timponi.*

Semghet ix-xhieda bil-Gurament

Rat l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjonijiet tal-partijiet.

**Ikkonsidrat:**

**Stephen Cachia** xehed a fol 15 et seq. illi l-vettura bin-numru ta' registrazzjoni IBB 762 hija registrata fuq Vincent Azzopardi a nom t' Vince Auto Dealer, u dan mi-6 ta' Otubbru 2016, filwaqt li l-vettura bin-numru ta' registrazzjoni ACF 584 hija rregistrata fuq Maria Valentina Abad u dan mid-29 ta' Lulju 2016.

**Randolph Cauchi** xehed a fol 32 et seq Konsenjatarju tal-karozzi maqbuda, xhed illi l-istat tal-BMW kien wiehed hazin ghaliex din il-vettura kienet "Kollha sadid u kollha daqqiet[1]" waqt li ghalkemm il Megan Renault kienet f'kundizzjoni tajba, z-zewg karozzi kienu bla lincenza.

**Ikkonsidrat;**

Fir-risposta tieghu l-esekutant eccepixxa illi galadarba l-vetturi IBB 762 u ACF 584 jappartjenu lil terzi, l-esekutata ma setghatx titlob ir-rilaxx taghhom kif qed taghmel bir-rikors odjern. Il-Qorti tqis illi dan l-argument huwa nfondat, u dan ghaliex il-ligi stess taghti lir-rikorrenti

[1] Vide xhieda fol 32.

espressament il-fakulta illi tipprezenta dan ir-rikors u titlob ir-rilaxx tal-vetturi in kwistjoni, kif jidher mid-dicitura tal-Artikolu 281 (1), li jipprovdi:

> "[m]*ingħajr preġudizzju għal kull jedd ieħor taħt din il-liġi jew xi liġi oħra, persuna kontra min jinħareġ att eżekuttiv* ***jew xi persuna oħra interessata,*** *tista' tagħmel rikors li jkun fih is-sottomissjonijiet kollha li tista' tkun tixtieq tagħmel flimkien mad-dokumenti kollha li jsostnu r-rikors lil dik il-qorti li tkun ħarġet dak l-att fejn titlob li l-att eżekuttiv jitħassar, sew għal kollox jew f'parti minnu biss, għal raġuni valida skont il-liġi."*

Barra minn hekk, zgur li ma jistghax jinghad illi r-rikorrenti m'ghandha l-ebda interess fir-rilaxx ta' dawn il-vetturi, ghaliex jekk il-vetturi jigu maqbuda permezz tal-mandat marug f'isimha hija tispicca tkun responsabbli ghad-danni sofferti mit-terzi kagun ta' tali qbid. Ghalhekk ir-rikorrenti ghandha interess reali u attwali fir-rilaxx ta' dawn il-vetturi, u galadarba l-ligi stess taghtiha s-setgha illi tintavola dan ir-rikors u titlob ir-rilaxx tal-vettur in kwistjoni, il-Qorti hija tal-fehma li dan l-argument tal-esekutant huwa nfondat u ma jistghax jintlaqa.

**Ikkonsidrat;**

L-esekutant argumenta wkoll illi anke jekk ir-rikorrenti kellha dritt titlob ir-rilaxx ta' dawn il-vetturi permezz ta' rikors semplici u mhux ta' rikors guramentat, l-procedura kontemplata fl-Artikolu 281 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta ma tistghax tintuza biex tattakka l-esekuzjoni tal-mandat.

Illi l-Qorti tibda biex tirrileva illi r-rikorrenti ma kellha l-ebda bzonn li titlob ir-rilaxx tal-vetturi in kwistjoni permezz ta' rikors guramentat **u dan ghaliex il-procedura kontemplata fl-Artikolu 281 tinvolvi rikors semplici u mhux guramentat,** u dan anke kif jidher *ictu oculi* mid-dibattati parlamentari fir-rigward ta' din il-procedura, fejn gie spjegat illi:

> "…***dan m'huwiex rikors ġuramentat li ssostitwixxa ċ-ċitazzjoni,*** ***<u>dan huwa rikors li m'hemmx bżonn ikun ġuramentat</u>***…
>
> (…)
>
> *Jiġifieri ħloqna* ***<u>proċedura biex ma ssirx kawża</u>***.
>
> *Għandek raġun. Tajna* **rimedju iktar malajr u ma bgħatnihx għall-kawża.** *Għax f'kawża x'jiġri? Mela jien nagħmel il-kawża u l-marixxal qabad l-oġġett. Il-marixxall jiġi fid-dubju jekk jaqbdux jew le. Issa jekk il-marixxall jaqbad l-oġġett u tagħmel il-kawża u tiġi deċiża favur tiegħek,* ***jeħilha d-debitur.*** *Fil-qorti l-kreditur qatt ma jiġi akkollat l-ispejjeż, jiġi akkollat l-ispejjeż id-debitur, jiġifieri allura b'dan il-mod iffrankajna ħafna iktar u* ***hawnhekk inti se tidħol għall-mekkaniżmu tat-tassazzjoni ta' rikors u mhux tassazzjoni ta' rikors ġuramentat****.*
>
> (Enfasi ta' din il-Qorti)

L-esekutant argumenta illi l-Artikolu 281 jghati dritt biss illi mandat jigi attakkat kemm il-darba ikun inhareg mill-Qorti zbaljata jew jekk inkun hemm difett fil-forma. Il-Qorti ma tikkondividix dan l-argument.

L-Artikolu 281 Kap 12 jipprovdi illi t-talba tista' ssir generalment ghal **'raguni valida fil-ligi.'** Il-Qorti hija konsapevoli tal-gurisprudenza ta' dawn il-Qrati skont liema din ir-raguni valida fil-ligi tista' tkun biss illi l-mandat inhareg minn Qorti zbaljata jew li kien hemm difett fil-forma tal-mandat, izda wara skrutinju tad-dibattati parlamentati fuq il-meritu, il-Qorti tqis illi ma tistax tadotta din l-istess posizzjoni. Dan ghaliex fid-dibattati parlamentari jinghad car illi l-procedura kienet qed tinbidel precizament sabiex terzi persuni li jinqabdulhom oggetti taghhom permezz ta' mandat ta' qbid esekuttiv meta ma jkunux huma d-debituri, jew garanti, ikollhom il-possibilita li jattakaw dan il-mandat minghajr ma jirrikorru ghal intavolar ta' kawza sabiex jipprovaw illi dawn l-oggetti huma taghhom u mhux tad-debitur. Ikkonsidrat dan l-oggettiv tal-Legislatur, il-Qorti thoss illi ma tistghax tikkonkludi illi l-procedura prevista mill-Artikolu 281 tapplika biss f'kaz fejn ikun hemm difett formali fil-mandat, jew meta l-mandat ikun inhareg minn Qorti

sbaljata, ghaliex tkun qed tidhol hi fil-vesti tal-Legislatur billi taghti interpretazzjoni tal-ligi illi hija dijametrikament opposta ghall-hsieb tal-Legislatur kif espress pubblikament u kristalizzat fit-traskrizzjonijiet tad-dibattitu parlamentari fuq il-materia.

Barra minn hekk, kif sewwa intqal fil-kazistika in kwistjoni,

> '[m]*eta l-ligi riedet tfisser f'liema cirkostanzi jista' jintalab il-hrug ta' Kontro-mandat, dan qalitu u fissritu b'reqqa, per eżempju, fl-artikolu 836.'*[2]

Ghal din il-Qorti it-tifsira ta 'raguni valida fil-ligi' m'ghandhiex necessarjament tkun ristretta ghal difetti procedurali. Barra minn hekk, il-Qorti tqis illi kieku l-ligi kienet qed tikkontempla biss kawzali ghan-nullita, il-ligi kienet tghid dan espressament. Dan jidher per ezempju fl-Artikolu 166A(5) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta, li espressament jitkellem fuq titolu li jigi 'rexiss u dikjarat null', kliem li ma jisemmewx fl-Artikolu 281.

Il-Qorti hawnhekk taghmel referenza ghas-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati fl-ismijiet **James Saiba vs Ephraim Bezzina** (Rikors numru 45/2015 GG) fejn il-Qorti kienet ordnat ir-rilaxx tal-oggetti maqbuda mhux minhabba xi difett proceduri izda ghaliex gie provat illi dan l-oggetti ma kienux jappartjenu lid-debitur izda lil terzi. Il-Qorti tqis illi din hija l-interpretazzjoni tal-ligi l-iktar konsonanti mal-hsieb tal-legislatur, li emenda l-ligi propju sabiex jaghmilha aktar facli u jnaqqas il-piz finanzjarju minn fuq id-debitur u minn fuq terz meta jinqabdu oggetti li ma jkunux jappartjenu lid-debitur permezz ta' mandat ta' qbid esekuttiv billi inghatat il-fakolta' lid-debitur u lit-terz sabiex jigi attakkat l-esekuzzjoni tal-mandat permezz ta' rikors normali u mhux permezz tal-intavolar ta' kawza.

**Ikkonsidrat ;**

L-esekutant argumenta wkoll illi l-procedura kontemplata taht l-Artikolu 281 tipprovdi biss ghat-thassir *in toto* ta' mandata esekuttiv, u fi kwalunwke kaz, it-talba maghmula mir-rikorrenti a

[2] **Blokrete Limited vs Kenneth Vassallo et,** Prim'Awla tal-Qorti Civili deciza 27 ta' Marzu 2014.

tistghax tintlaqa' peress li saret hazin ghaliex dak li intalab huwa r-rilaxx tal-vetturi in kwistjoni u mhux it-thassir tal-mandat.

Wara analizi ta' sentenzi ohra in materja, il-Qorti tqis illi m'huwiex minnu li skont il-kazistika jista' jkun hemm biss it-thassir *in toto* ta' mandat esekuttiv ai termini tal-Artikolu 281. Per ezempju, fis-sentenza fl-ismijiet **Betti Cini vs Michael Verzin** deciza mill-Qorti tal-Magistrati fit-2 ta' Ottubru 2013, il-Qorti kienet laqghat in parti talba ghat-thassir ta' mandat esekuttiv u dan ghaliex mill-atti tal-kawza kien jidher illi kien thallas parti mill-ammont pretiz u ghalhekk il-Qorti laqghat in parti r-rikors billi rriduciet is-sorte tal-mandat esekuttiv. **Fil-fatt, il-ligi stess tipprovdi lli t-thassir jista' jintalaba kemm *in toto* kif ukoll *in parte.***

Fir-rigward tal-kontestazzjoni illi r-rikorrenti ma talbitx espressament it-thassir tal-mandat izda talbet biss ir-rilaxx tal-vetturi in kwistjoni, il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza fl-ismijiet **Trapani Galea Feriol vs Paolo Deguara** deciza mill-Qorti tal-Appell fl-1 ta' Dicembru 2004 li tinsab citat fil-ktieb ***Massimarji tal-Imhallef Philip Sciberras – L-Ewwel Volum : Procedura Civili*** fejn inghad illi :

> « ….***interpretazzjoni ta' domanda kif proposta tippostula mhux biss is-semplici analisi letterali taghha imma anke, u fuq kollox, il-valutazzjoni sostanzjali taghha****, avut rigward tal-finalita persegwita mill-parti,* ***b'mod li talba mhux esplicitament u formalment proposta tista' titqies virtwalment kontenuta fid-domanda espressamet avvanzata, jekk din tkun f'rapport ta' konnessjoni necessarju mal-petitum u l-causa petendi****. Fi kliem iehor, il-Qorti mhix ikkondizzjonata mill-espressjonijiet adoperati mill-parti fit-talba.* »

F'dan il-kaz huwa car illi r-rilaxx tal-vetturi in kwistjoni ghandu rapport ta' konnessjoni necessarja mat-thassar in parti tal-mandat ta' qbid esekuttiv, tant illi l-esekutant stess iddedika l-maggior parti tar-risposta tieghu biex jaghti r-ragunijiet ghalfejn il-mandat in kwistjoni ma jistghax jigi mhassar fic-cirkostanzi. Ghalhekk il-Qorti tqis illi fid-dawl tal-insenjament hawn fuq citat, m'hemmx bzonn illi t-talba tar-rikorrenti tkun tikkontjeni talba espressa ghat-thassir

tal-mandat ta' qbid esekuttiv, galadarba it-talba kif postulata ghandha rapport ta' konnessjoni necessarja mar-rilaxx tal-vetturi in kwistjoni.

**Ikkonsidrat ;**

L-esekutant ikkontesta wkoll l-allegazzjoni tar-rikorrenti illi l-vettura tal-ghamla BMW tkopri l-ammont dovut u dan peress illi l-istess vettura ghandha diversi difetti serji, u skond Randolph Cauchi kienet mimlija sadid u daqqiet.

Il-Qorti rat illi skont id-dokument prezentata u esebit a fol E1, il-vettura tal-marka BMW proprjeta tar-rikorrenti ghandha valur ta' cirka €5,900, skont is-socjeta assikuratrici Elmo Insurance. Il-Qorti taghraf illi din hija xhieda independenti u ferm aktar xientifika mix-xhieda ta' Cauchi. Ghalhekk il-Qorti hija moralment konvinta illi l-vettura tal-marka BMW proprjeta tar-rikorrenti hija suficjenti biex taghmel tajjeb ghad-debitu dovut minnha lill-esekutant, **li skont hu stess huwa ta' €1,292.06** wara li r-rikorrenti hallset is-somma ta' €2,200 mill-€3,492.06 dovuti.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talba tar-rikorrenti, thassar in parti il-mandat ta' qbid numru 252/16 u dan fir-rigward tal-vettura bin-numru ta' registrazzjoni IBB 762 u l-vettura bin-numru ta' registrazzjoni ACF 584 u tordna r-rilaxx tal-istess vetturi lil Vince Auto Dealer u Maria Valentina Abad rispettivament,

Bl-ispejjez kontra Simon Galea.

**Moqrija.**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**